MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1034/2007

**CUSTOMS & FREIGHT AGENCY LTD**

**vs**

**ALPHA FARMA LTD**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali mis-soċjeta' rikorrenti fl-4 ta' Ottubru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet, li l-Qorti

1) Tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 sa' 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organizazzjoni Ċivili;

2) Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fis-somma globali ta' ħdax-il elf, ħames

mija u sebgħa Liri Maltin (Lm11,507), rappresentanti diversi servizzi rezi;

3) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma globali ta' ħdax-il elf ħames mija u sebgħa Liri Maltin (Lm11,507);

Bl-ispejjez u l-imgħax mid-dati tax-xogħlijiet magħmulha, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali 3078/07 u 3080/07 tat-8 ta' Awissu, 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru Nru: 1478/07 u tal-Mandat ta' Qbid Nru: 1477/07 JA, kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat illi r-rikors u l-atti kollha ġew debitament notifikati lis-soċjeta' intimata li naqset li tidher biex tikkontesta l-kawża meta ssejħet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mis-soċjeta' rikorrenti li biha riduċiet it-talba b'erbat elef lira Maltin (Lm4 000) stante pagament akkont fil-mori tal-kawża;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet jirriżultaw pruvati. Fil-kontumaċja s-soċjeta' intimata tiddeċiedi billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

Tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tas-soċjeta' rikorrenti limitatament għas-somma ta' sebat elef ħames mija u seba' liri Maltin (Lm7,507)[1] u bl-imgħaxijiet kif mitluba li għandhom jibdew jgħaddu fuq l-imsemmija somma b'effett mit-8 ta' Awissu, 2007, sal-jum tal-ħlas effetiv u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

## Moqrija

[1] €17,486.61

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------